MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Numru 489/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Farrugia**

**V**

**DAVID SCIBERRAS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **DAVID SCIBERRAS** ta' disgha w tletin sena bin Paul u Mary nee Depares, imwieled Pieta nhar t-tmienja ta' Ottubru 1965 u residenti 'San Tarcisio', Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 490365M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tlieta ta' Mejju 2004, waqt li kien fl-isptar Monte Carmeli, H'Attard:

1. Minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-imfermier Kevin Agius, detentur

tal-karta tal-identita numru 572480M, skond kif iccertifika Doctor M. A. Delicata MD fl-Isptar Monte Carmeli;

2. Talli voluntarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta [ashtray];

3. Talli hedded persuni ta’ whud inkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzgha jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u cioe fuq il-persuna ta’ Joseph Galea, detentur tal-karta tal-identita 400265M, Emanuel Caruana, detentur tal-identita numru 1659M, u Kevin Agius detentur tal-karta tal-identita 572480M u persuni ohra;

4. Talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku u cioe kontra Joseph Galea, detentur tal-karta tal-identita 400265M, Emanuel Caruana, detentur tal-identita numru 1659M, u Kevin Agius detentur tal-karta tal-identita 572480M u persuni ohra waqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi;

5. Talli naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn Joseph Galea, detentur tal-karta tal-identita 400265M, Emanuel Caruana, detentur tal-identita numru 1659M, u Kevin Agius detentur tal-karta tal-identita 572480M waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma halliex jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

6. Talli voluntarjament kiser l-bon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat gewwa l-isptar Monte Carmeli;

7. Talli kiser l-kundizzjonijiet moghtija lilu b’sentenza tal-Qorti Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ April 2002 mill-Magistrat Dottor Abigail Lofaro, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni ta' Joseph Galea, detentur tal-karta tal-identita 400265M, Emanuel Caruana, detentur tal-identita numru 1659M, u Kevin Agius detentur tal-karta tal-identita 572480M bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2004 esibita a fol 5 tal-atti sabiex din l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar fil-presentata nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2005 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 11].

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2005 [fol 11].

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghuu taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbatax ta' Novembru 2005 l-Qorti, fuq talba tad-difiza, nnominat lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta sabiex thejji pre sentencing inquiry report fil-konfront tal-imputat.

Illi nhar t-tmintax ta’ Jannar 2006 dehret s-Senior Probation Officer Miriam Sevasta li ppresentat u halfet r-rapport taghha li gie mmarkat bhala dokument MS.

Minn ezami ta’ dan r-rapport jirrizulta li l-imputat ghandu problema ta’ xorb fis-sens li jabbuza minnu u gieli jitlef l-kontroll fuqu nnifsu u b’hekk spicca l-isptar Monte Carmeli diversi drabi fejn anke kien taht kura psikjatrika. L-imputat huwa fil-present disokkupat u jghix f’kerrejja fil-Belt Valletta minghajr ma hemm l-affarijiet bazici li ssib f’kull dar. Hu jghix fuq il-beneficcju socjali ta’ mija hamsa w tletin lira maltin fix-xahar.

Illi l-istess Ufficjal tal-Probation issuggerit li l-imputat ghandu jinghata sentenza fil-komunita b’supervizzjoni u li jkollu kotnroll regolari ma Agenzija li toffri ghajnuna konta l-abbuz mix-xorb. Stqarret wkoll li piena karcerarja tista tkun ta’ detriment ghal imsemmi David Sciberras molto piu meta tqis li dan jghaddi hafna zmien rikoverat fl-isptar Monte Carmeli minhabba vizzju tax-xorb.

Il-Qorti semghet wkoll lil Godwin Zammit jixhed ghan-nom tas-Supretendent tal-isptar Monte Carmeli li qal li l-hsara voluntarja li kkaguna l-imputat f’dan l-incident kienet fl-ammont ta’ hdax il-lira u tmienja w tletin centezmu rapresentanti l-valur ta’ siggu fl-ammont ta’ erbatax il-lira maltin u hamsin centezmu rappresentanti l-valur ta’ ashtray fuq stand, kif jirrizulta mid-dokument B as fol 16 tal-atti odjerni.

Rat il-fedina penali tal-imputat esibita a fol 4 tal-atti minn fejn jirrizulta li fuqha ghandu biss zewg kazi registrati dwar kontravenzjonijiet kommessi minnu fl-Istadium ta’ Ta’ Qali fis-sena 1992, meta nghata conditional discharge ghal zmien sena u talli hebb kontra Ufficjal fl-isptar Monte Carmeli f’H’ Attard fis-sena 2002, meta nghata unconditional discharge ghal perjodu ta’ tlett snin.

Illi din il-Qorti ma tistax tittratta ma dan il-kaz daqs li kieku ma sar xejn ghaliex l-imputat odjern diga nstab hati ta’ reati simili fis-sena 2002 w attakk fuq infermier li jkun qed jaqdi dmiru, hija kwistjoni serja hafna u l-Qorti ghandha

tipprotegi dejjem lil dawn in-nies li jkunu qed jaghtu servizz lil pubbliku u jigu vjolentati.

Dan t-tip t'aggressjoni, din il-Qorti tistmerrih bl-ikrah u minn ser jinstab hati ta' dawn it-tipi ta' reati quddiemha, ser jiehu piena iebsa sabiex taghti messagg lis-socjeta li f'pajjiz demokratiku, dan l-agir m'ghandux ikun w ghalhekk f'dan il-kaz, il-Qorti thoss li l-piena idoneja hija dik ta' sentenza ta' prigunerija sospiza.

Ghalhekk **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 221(1), 222(c), 325(1)(c), 95(1), 96(a), 249(2), 338(ee) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lill-imputat DAVID SCIBERRAS hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess** u tiddecidi li tilqa s-suggeriment tal-Probation Officer Miriam Sevasta li timponi fuq il-hati sentenza fil-komunita.

**Il-Qorti** ghalhekk qed **tikkundanna lil imputat DAVID SCIBERRAS ghal sitt [6] xhur prigunerija sospizi ghal tlett [3] snin mill-lum ai termini tal-artikolu 28A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'zieda ta' ordni ta' supervizzjoni ai termini tal-artikolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'dan li l-hati ghandu jibqa taht din l-ordni ta' supervizzjoni ghal perjodu kollu ta' tlett snin** u dan bil-ghan li l-Qorti zzommu 'l boghod mill-hajja kriminali u bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u dan taht l-kundizzjonijiet segwenti**:**

**1. Li David Sciberras ghandu, matul dan il-perjodu ta' supervizzjoni ta' tlett snin, igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li qed jigi nominat prezenzjalmetn u cioe Miriam Sevasta, inkluz kull direttivi li din l-istess ufficjal thoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi David Sciberras ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominata skond d-direttivi li din taghtih minn zmien**

**ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-istess Probation Officer tkun trid hekk, jircievi zjarat min ghandha fid-dar fejn qed jirrisjedi;**

**3. Illi David Sciberras ghandu jghix fir-residenza li taghha jaghti l-indirizz lil istess Ufficjal tal-Probation tul l-perjodu kollu ta' tlett snin u jkun jista jbiddel tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess ufficjal tal-Probation;**

**4. Illi David Sciberras ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominata kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess hati.**

**5. Illi David Sicberras ghandu jzomm kuntatt regolari ma Agenzija li toffri ghajnuna kontra l-abbuz ta'xorb alkoholiku.**

**Il-Qorti, oltre dan, ai termini tal-artikolu 28H tal-istess Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lil hati DAVID SCIBERRAS sabiex ihallas lid-Dipartiment tas-Sahha s-somma ta' hamsa w ghoxrin lira maltin u tmienja w tmenin centemzu [LM25.88] rappresentanti danni li sofra l-istess Dipartiment tas-Sahha fuq hsarat voluntarji kawzati minnu stess u qed taghti lil istess hati David Sciberras sitt xhur sabiex jaderixxi ruhu ma din l-ordni.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil hati l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha, li minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------